**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**George Baldacchino**

**Kumpilazzjoni Numru: 673/12**

**Illum, 25 ta' Settembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra George Baldacchino detentur tal-karta tal-identita` numru 478365(M) akkuzat talli fil-11 ta' Mejju, 2005, ghall-habta ta' 3.40p.m., fi Triq Sant'Andrija, Swieqi saq vettura Nru, LGY-280 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Veronica Muscat skond kif iccertifika Dr. Chris Spiteri M.d. (Reg. 2770) u Dr. Donhem Nabil M.D. (Reg. 9804) ta' S. L. H.

Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Lulju elfejn u hmistax (2015) li biha hass li ghandha tinstab htija taht is-segwenti artikoli:-

- Fl-Artikoli 225 u 226 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Illi din il-kawza titratta fuq incident awtomobilistiku nhar il-hdax (11) ta' Mejju elfejn u hamsa (2005) fejn Veronica Muscat giet imtajjra mill-imputat meta hija kienet qed taqsam it-triq Sant'Andrija, Swieqi u minn tali incident garrbet griehi gravi hekk kik giet iccertifikata minn Dr. Chris Spiteri u minn Dr. Donhem Nabil.

Semghet ix-xhieda tal-vittma **Veronica Muscat** li hija xehdet li dakinnhar tal-incident hija kienet qed taqsam it-triq inkwistjoni u meta hija kienet diga' qasmet nofs it-triq, vettura li kienet qieghda fil-karreggjata ta' barra sejra lejn Paceville, waqfitilha sabiex tghaddi. Hija tghid ukoll illi vettura li kienet sejra l-istess direzzjoni u li kienet fil-karreggjata ta' gewwa baqghet sejra bil-konsegwenza li kaxkritha u b'konsegwenza ta' hekk garrbet griehi gravi l-aghar li kellha kienet widnejha li bit-tkaxkira tilfet bicca minnha.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' dak iz-zmien surgent izda llum **Spettur Nikolai Sant** li kien mar fuq il-post tal-incident u hejja skizz. Dan jghid illi fuq il-post innota taxi bin-numru ta' registrazzjoni LGY 280 tal-marka Mercedes Benz misjuqa mill-imputat odjern u fejn huwa ha l-verzjoni tieghu hekk kif gara l-incident. Irrizultalu wkoll illi l-vittma ma qasmitx minn xi *zebra crossing* jew minn xi *lights* izda nnota li kien hemm tali *zebra crossing* aktar l'isfel fit-triq. Semgha wkoll il-verzjoni tax-xufier li kienet qed issuq vettura tal-marka Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni GBB 681 u li kienet waqfet lill-vittma sabiex taqsam.

Semghet ukoll ix-xhieda tat-tabib **Dr. Chris Spiteri** li ccertifika c-certifikati medici esebiti in atti u li kkonferma li t-tabib l-iehor u cioe' Dr. Nabil ma setghax jitla' jixhed ghaliex huwa ma' kienx ghadu jahdem Malta. Huwa pero' seta' jikkonferma li l-griehi kienu gravi minhabba feriti fuq il-wicc tal-vittma u minhabba li l-istess vittma kellha xi ksur fl-*iscapula* tal-lemin.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **George Baldacchino** li rega' kkonferma l-verzjoni li kien taha lill-Ispettur Nikolai Sant dakinnhar tal-incident fejn huwa rega' kkonferma li kien qed iwassal xi klijenti l-ajruport meta ra karrozza fil-karreggjata ta' hdejh li kienet sejra l-istess direzzjoni li ghal xi raguni waqfet u huwa baqa' sejjer bil-konsegwenza li sab persuna femmininli quddiemu u tajjarha. Huwa jghid li bhala velocita' huwa kien qed isuq b'xi erbghin (40) izda ma specifikax jekk kinux kilometri jew mili.

Semghet ukoll ix-xhieda tal-espert imqabbad mill-Qorti **Dr. Mario Scerri** li ccertifika li l-griehi subiti mill-vittma huma ta' natura gravissima u dan ghaliex hemm sfregju fuq il-wicc hekk kif jirrizulta mir-ritratti esebiti fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. MS1 u ghalhekk dawn il-griehi ghandhom ikunu regolati mill-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9.

**Ikkunsidrat** illi qabel xejn irid jigi rilevat illi ghalkemm l-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 fin-nota ta' rinviju tieghu, dan l-Artikolu ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni ghaliex dan jittratta fuq omicidju involontarju li certament mhux il-kaz inkwistjoni.

**Ikkunsidrat** illi l-imputat huwa addebitat bir-reat ta' griehi gravi involontarji taht il-provvedimenti tal-Artikolu 226 (1)(a) tal-Kodici Penali taghna li jghid hekk:

> ***"(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –***
>
> ***(a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);***
>
> ***(b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);***
>
> ***(ċ) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet".***

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** li kienet tittratta fuq qtil involontarju izda li japplikaw l-istess principji legali, il-Qorti sostniet is-segwenti:-

> ***"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallih fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."***

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Settembru 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-*culpa* f'dawn il-kawzi u fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, l-elementi tal-*culpa* gew identifikati bhala tlieta u cioe:

***1. la volontarieta dell'atto;***

***2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u***

***3. la possibilita di prevedere.***

Illi l-Qorti tinnota li dan il-kaz ma kienx wiehed li l-imputat ma kienx qed josserva xi regolament tat-traffiku bhal per ezempju li kien qieghed b'sewqan eccessiv jew taht xi influwenza ta' xi sustanza izda pjuttost huwa kaz jekk l-imputat kellux *a proper lookout* qabel l-incident.

Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roderick Debattista** (deciz fis-26 ta' Mejju, 2004), il-Qorti sostniet illi:

> ***"Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs Joseph Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1961])."***

Illi fid-decizjoni **Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd. (1968)**, il-Qrati Inglizi rritenew li:

> ***"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."***

**Ikkunsidrat** illi, ghalkemm il-vittma kienet negligenti ghaliex kienet qed taqsam minn triq pjuttost traffikuza izda l-imputat kellu ghalfejn ikun aktar vigilanti meta ra l-vettura ta' hdejh tieqaf ghal xi raguni. Minn hemmhekk l-imputat kellu jkun aktar vigilanti u jnaqqas il-velocita' drastikament u dan sakemm ma jara jekk kienx hemm xi ostakolu fit-triq li ghalhekk gieghlet lil dik il-vettura tieqaf u mhux jibqa ghaddej qisu mhux hu. Inoltre u kif accennat il-prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjoni taghha, it-triq inkwistjoni hija wahda dritta u vizibbli ghal kull min jghaddi minnha u ghalhekk l-imputat kellu jara lill-vittma meta kienet f'nofs tat-triq tistenna biex taqsam. Il-fatt illi sewwieq ikollu d-dritta tat-triq ma jfissirx li jista' jaqbad jghaddi u jinjora affarijiet li

jkunu qed jigru madwaru wisq anqas *pedestrians* anke jekk dawn ma jkunux qeghdin juzaw id-diligenza rikjesta minnhom bhala tali.

Ghalhekk jirrizulta li l-kawza prossima tal-incident kien in-nuqqas ta' *proper lookout* da parti tal-imputat fejn huwa seta' jinduna bil-vittma qabel ma' sehh l-incident u l-incident kien jigi evitat li kieku l-imputat naqqas drastikament il-velocita' meta ra l-vettura ta' hdejh tieqaf.

Illi pero' jigi ritenut illi kien hemm xi element ta' kontributorjeta' min-naha tal-vittma li qasmet fi triq traffikuza izda mhux tali li tezonera lill-imputat mill-htija u dan ghaliex hija wzat certa diligenza meta qasmet u senjatament meta waqfet f'nofs it-triq sabiex jghaddu l-karrozzi li kienu sejrin lejn Paceville u qasmet propju meta l-Land Rover waqfet.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs Gaetano Schembri** (16/03/1961); **Il-Pulizija vs John Polidano** (03/11/1963); **Il-Pulizija vs Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131).

Dan ghaliex in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tal-parte leza.

**Ikkunsidrat** illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilu u li gew ippruvati, hemm diversi fatturi x'jittiehdu inkonsiderazzjoni, fosthom: in-natura ta' dawn l-imputazzjonijiet u kif ukoll il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja

u li ghandha l-addebitu tar-recidiva hekk kif gie ampjament ippruvat permezz tal-fedina penali tal-imputat kif ukoll mis-sentenzi (fol. 40 u fol. 120-122).

Illi fuq dan il-punt, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> ***"Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [is-sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, filwaqt li taghti opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirrepeti. Inoltre l-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata u xierqa."***

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 21, 49, 50, 218, 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **George Baldacchino** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghall-multa ta' erbat elef u hames mitt Ewro (€4,500) filwaqt li a bazi tal-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ukoll sabiex ihallas is-somma ta'

mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u wiehed u tletin centezmu (€ 221.31) bhala spejjez peritali nominati f'dawn il-proceduri.

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**